MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 2142/2000/1

**Marlene Wyson**

**vs**

**Martin Wyson**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fil-31 ta' Mejju 1998 skond certifikat taz-zwieg anness Dok. "A";

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha u/jew b'anomalija psikologika serja illi ghamlitha

mpossibbli ghall-partijiet illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-attrici ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar kwalitajiet tal-konvenut illi gew mohbija lill-attrici li mix-xorta taghhom fixklu serjament il-hajja konjugali bejn il-partijiet;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet tal-31 ta' Mejju 1998 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi huwa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-14 ta' Gunju 2001; tal-20 ta' Settembru 2001; tal-11 ta' Jannar 2002; tal-5 t'April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-20 ta' Mejju 2002 a fol. 14 fejn gie eccepit:-

1. Illi filwaqt li jaqbel li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fil-31 ta' Mejju 1998 huwa null u bla effett, jeccepixxi illi hu ma kienx il-kawza ta' tali nullita` u ghaldaqstant m'ghandux isofri spejjez;

2. Illi, *inoltre* huwa jeccepixxi illi ma qarraqx bl-attrici u dejjem agixxa in *buona fede*;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 15 tal-process.

Rat il-verbal tas-26 ta' Gunju 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b'terminu ta' 50 gurnata kull wiehed.

Rat in-noti tal-attrici tal-5 ta' Lulju 2002 li permezz taghha esebiet l-affidavits ta' Ingrid Vella u ta' Marika Zammit; tal-25 ta' Lulju 2002 fejn esebiet l-affidavits ta' Carmel Camilleri u Rita Camilleri; tas-26 t'Awissu 2002 fejn esebiet l-affidavit ta' Patrick Galea; u dik tas-27 t'Awissu 2002 fejn pprezentat l-affidavit taghha stess.

Rat in-nota tal-konvenut datata 15 ta' Novembru 2002 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess.

Rat il-verbali tat-23 ta' Jannar 2003; tad-29 ta' Jannar 2003 fejn xehed l-Espert Psikjatriku Dr. Joseph Cassar, il-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-2 t'Ottubru 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET .</u>

### (i) <u>PROVI PRODOTTI.</u>

Illi l-attrici **Marlene Wyson** permezz tal-affidavit taghha sostniet illi:-

*"Nghid li meta ltqajna l-ewwel darba jiena kelli (18) tmintax-il sena, u l-konvenut Martin Wyson, kellu tlieta u ghoxrin (23) sena. Niftakar li konna ltqajna l-ewwel darba go 'Taxi' li konna qbadna t-tnejn minn Paceville. Niftakar li l-konvenut kien qal lit-'Taxi driver' biex iwasslu fejn noqghod jien peress li ried ikun jaf fejn noqghod. Peress li jiena ma kontx interessata fih, kif ukoll minhabba l-fatt li jiena ma kontx hadtu bis-serjeta', kont tajtu kunjom iehor. Gimgha wara regajt ltqajt mieghu kumbinazzjoni fuq karozza tal-linja sejrin*

*lejn Paceville u dakinhar bdejna nitkellmu. Minn hemm bdejna nohorgu flimkien.*

*Ghalkemm apparentement l-gherusija taghna kienet tidher pjuttost normali kien hemm diversi ncidenti li minhabba n-nuqqas ta' esperjenza jiena ma kontx tajthom l-importanza li kien jisthoqqilhom. Wiehed mill-incidenti kien is-segwenti. Jiena nahdem ta' 'air hostess' u okkazjoni minnhom meta jiena mort 'flight' Martin qalli li sejjer id-dar pero' nel frattemp Martin kien cempel ix-xoghol tieghi u qalli li kien ha zewg 'punctures' u li kien qed jistenna l-RMF gewwa Haz-Zebbug. Peress li b'kumbinazzjoni kienet hierga mix-xoghol habiba tieghi, Fiona Fava mizzewga Bugeja u ghidtilha biex ticcekkja dwaru u dan peress li sejra lejn Haz-Zebbug. Staqsejtha ukoll iccempel lil RMF. L-ghada fil-ghodu kont sibt nota minghandha, fejn qaltli li hi cemplet lil RMF pero' dawn infurmawha li ma hemm ebda 'number plate' b'dak in-numru rapportat u li hi ghaddiet mill-post u ma sabitux hemm. Meta jiena staqsejtu x'kienet il-kwistjoni hu skuza ruhu u qalli li kien mar il-kazin jiehu 'drink' u li ma riedx jurini.*

*F'okkazjoni ohra kellna argument zghir bejnietna u hareg wahdu. Iltaqa' ma' 'air-hostess' ohra jisimha Tamara u staqsiha ghal 'drink'. Hi qaltlu: "inti tohrog ma' Marlene", u qallha li spiccajna. Hi spiccat qaltlu biex ihalliha izda hu baqa' jinsisti u anke ffolowjaha sad-dar. Meta kkonfrontajtu qalli: "issa nsibha quddiemek u nghidilha". F'okkazjoni ohra Martin kellu skorta fuq l-ajruplan u jiena nzertajt ma kontx xoghol dakinhar. Tamara qaltli b'dan quddiemu pero' fl-ahhar mill-ahhar spiccat biex tinnega kollox peress li hu kien ipperswadiha li mhux veru li qal hekk. Hi kienet sahansitra nfaqghet tibki.*

*Darba ohra kellu skorta fuq l-ajurplan u jien ma kontx xoghol dakinhar. Dan kien xi ftit xhur qabel izzewwigna u ltqajt ma' 'air-hostess' ohra Marika Saliba mizzewga Zammit, u qaltli li kienet iltagghet mal-gharus tieghi li m'ghogobha xejn. Kif mort nghidlu dejjem jinnega u*

*jghidli li dawk ghax jghiru ghalina. Jien bhas-soltu emmint lilu ghax lilu kont inhobb.*

*Waqt l-gherusija ma kienx hemm hafna komunikazzjoni bejnietna. Mhux l-ewwel darba li raqad fil-karozza waqt li kont qed inkellmu. Kien jghid li jkun ghajjien ghax kien qed jahdem bis-'shift'.*

*Darba minnhom konnha ghand ommi u konna qed nillitikaw fuq xi haga u hu bir-rabja kisser hgiega tal-bieb tal-kcina b'rasu. Waqt l-gherusija kien jghidli wkoll li "jekk thallini ma nhallikx kwieta qatt".*

*Il-konvenut kien ihobb jixrob u meta konna gharajjes kien gie rikoverat l-isptar darbtejn minhabba eccess ta' alkohol.*

*Jiena u l-konvenut domna nohorgu flimkien xi hames (5) snin. Xtrajna 'flat', ghamilna d-data ghaz-zwieg u fil-31 ta' Mejju 1998 izzewwigna. Ghall-bidu jiena ma kontx indunajt b'dak li qed jigri. L-affarijiet hargu fil-berah wara xi sena nghixu flimkien. Darba kellna tieg f'Dicembru u jien kont 'stand-by' pero' kienu cempluli mix-xoghol li kelli 'flight' Dubai u ghalhekk ma stajtx immur ghal dan it-tieg. Jiena mort ix-xoghol u hu mar it-tieg wahdu. Kont cempiltlu minn Dubai qabel ma gejt lura Malta u meta nzilt mill-ajruplan cempiltlu u staqsejtu kif mar it-tieg u hu kien qalli li kollox mar sew pero' xorob naqra u li kien gej ghalija wara l-'flight', imma jien hassejt li kien hemm xi haga stramba. Fil-fatt kien gie ghalija, niftakar li jiena kelli r-rigal tal-Milied tieghu fil-basket, u fit-triq qalli li hu parla zejjed ma' habiba tieghi li jisimha Ingrid. Jiena staqsejtu fuq x'hiex tkellmu u hu qalli li staqsiha biex imorru jiehdu 'drink'. Ftit wara jiena cempilt lil habiba ohra, Elisianne, li kienet ukoll ghat-tieg u staqsejtha x'gara, imma Elisianne qaltli li huma ma ndunaw b'xejn ghax telqu. Ftit ta' zmien wara bdejt niltaqa' ma shabi li kienu marru t-tieg imma ma hassejtnix komda ghax bdejt inhoss li qishom qed jahbu xi haga minni. Wara zmien iltqajna jien u Ingrid, tkellimna u hi rrakkontatli x'gara dakinhar.*

*Hi qaltli li r-ragel tieghi kien talabha jwassalha d-dar u wkoll biex tmur il-'flat', jigifieri d-dar taghna, mieghu.*

*Ghalkemm hu nnega kollox Ingrid qaltli li hi kienet sahansitra baghtitlu ittra lil Martin.*

*Ftit xhur wara, meta gie l-kont tat-telephone (itemised) u bdejt niccekkja x'telefonati kienu saru u nnotajt li kienu saru telefonati ghal fuq 'mobile numbers' f'hinijiet strambi bhat-tlieta ta' fil-ghodu, u hinijiet ohra ta' bil-lejl. Nghid li jiena cempilt dan in-numru, wegbitni mara, u jiena staqsejtha jekk tafx lir-ragel tieghi. Ghalkemm hi ma rrisponditnix mill-ewwel, fl-ahhar ammettiet li kienet tafu. Din il-mara kien jisimha Catherine. Ghal darb'ohra jiena kont staqsejtu dwar din il-kwistjoni u hu nnega kollox. F'okkazjoni ohra kont iccekjajtlu l-'wallet' u sibtlu xi telephone numbers. Jiena kont cempilt numru minnhom, u rrispondew minn Casa Leone, li hija d-dar tax-xjuh. Jiena staqsejt ghal Catherine u hi giet tirrispondi t-'telephone'. Lil Catherine jiena ghidtilha li jiena l-mara ta' Martin u ghidtilha biex thallih bi kwietu lir-ragel tieghi, pero' hi qaltli li r-ragel hu jittantaha u qaltli wkoll biex inhalliha bi kwieta ghax ghandha bizzejjed problemi u li zewgha qieghed il-habs. Jiena qtajtilha t-'telephone' u kif gie d-dar ir-ragel tieghi staqsejt lilu. Ghal darb'ohra hu nnega kollox u qalli li qed nimmagina l-affarijiet.*

*Ghamilt gimghat shah nhewden fuq is-sitwazzjoni u darba minnhom gejt mix-xoghol wara 'flight' bil-lejl u peress li lilu ma kontx qed narah daqshekk tajjeb mieghi u li kien qed jaghtini wicc b'iehor fettilli niftah il-bagoll tal-karozza tieghu waqt li kien rieqed. Fejn l-'istepney' insib ittra li kien se jibghat hu li turi li kien qed jara 'stewardess' ohra ta' nazzjonalita' Russa li tahdem mal-Aeroflot. Jiena skoprejt in-numru tat-'telephone' taghha u cempiltilha. Din il mara qaltli li ma kenitx taf li hu mizzewweg ghax qallha li hu kien guvni. Fil-fatt hi qaltli li "you don't know the world dear. We did everything together". Naf li r-rigal tal-ewwel anniversarju taghna kien xtrah doppju. Dan nafu ghax kont rajt l-ircevuta.*

*Wara dak l-incident kien qalli li kellu ‘boy's night out’ u ghal darba ohra ma qalx il-verita` ghax jiena, ommu u missieru morna niccekkjaw fir-‘restaurant’ fejn qalli li ser ikun pero' hemm hekk ma kien hemm xejn. Peress li dakinhar il-‘mobile’ tieghu kien mitfi jiena cempilt lil-Robert, habib tieghu, li kien Malta ‘holiday’ li qalli li lil Martin ma rahx u li lanqas biss kien kellmu dakinhar. Meta gie d-dar hu nnega u qal li marru jieklu kif kien qalli li ser jaghmel.*

*Sirt naf li l-konvenut minn dejjem kien jittanta t-tfajliet. Fil-fatt kien hemm tfajla li kienet toqghod hdejn id-dar tal-genituri tieghu li kien jittantaha. Kienet omm din it-tfajla li qaltli b'dan, meta mort b’rigal tat-tieg tat-tifla taghha.*

*F’dan iz-zmien bdejt nhossni debboli hafna u morna flimkien inkellmu lil Dr. Mariella Blackman. Ghamlitilna ‘psychological test’ u l-psikologa qabditu jigdeb f’tieghu. Mit-test li ghamel irrizulta li hu mhux matur.*

*Wara ftit zmien li kont sibt l-ittra kont kellimt lil ommu u l-missieru dwar il-problemi li kien qed ikollna. Biex tippacifikana ommu kienet gabet il-Kappillan ta' H'Attard id-dar taghha u jiena kont ghidt lil hija Patrick jigi biex ma nkunx wahdi u biex jghini. Patrick xtaq ikellem lil Martin biex jirrangana, u staqsih jekk hemmx nisa fin-nofs u Martin qallu li le. Hija kien prezenti meta kien hemm il-kappillan. Martin qerr ghand il-Kapillan, wara l-qrara lkappillan gie hdejja qabadli idi u qalli li “r-ragel tieghek maradlek, trid tahfirlu”. Jiena dak il-hin qabditni roda u hadt xokk kbir. Staqsejt lill-Kappillan biex marad u qalli “bil-marda tan-nisa”.*

*Minhabba t-tensjoni li kont sottoposta ghaliha jiena kelli mmur ghand psikjatra, Dr. J Cassar, u hu kien ippreskrivili xi pilloli li ghamluni ‘bloated’. Martin kien jghajjarni fuq il-fatt li tqawwejt ftit u jiena per konsegwenza kont qed inhossni aghar. Kien jghidli li nftaht u sirt kerha.*

*Nghid li fil-garaxx tad-dar taghna kont sibt ukoll xi ritratti / magazines pornografici u 'video tape' pornografiku. Darba minnhom waqt li kont ma niflahx, ohti Rita kienet qed tkellmu fuqi u qaltlu "kont nilghab karta li ma taghmillhiex hekk lil ohti" a hu rrispondiha "kont titlifha darbtejn l-imhatra. Kont titlef ta' l-elezzjoni u din". Meta kien jarani nibki lil ohti kien jghidilha "ghandi jkun it runs in the family. Kollha qeghdin tajjeb intom". Lili kien jheddidni billi jghidli "ha ngiblek ambulanza ghal tal-Frankuni".*

*Ftit zmien wara peress li jiena kont ma niflahx u naghmel hilti kollha biex nahfirlu, kont qed nara r-riklami fuq il-gazzetta u rajt 'house of character' reklamata u morna narawha flimkien, bla pjanijiet ta' xejn. Kif sid il-post tana l-prezz u kollox, tlaqna 'l barra u fil-karozza pponta subajh lejja u b'lehen gholi qalli "jekk minghalik ha tixtri d-dar wahdek ma tistax u ha jarralek". Jiena ma kelli ebda ntenzjoni nixtriha wahdi. Dan l-incident miet hemm ghax jiena lanqas flaht nirrispondih. L-ghada fil-ghodu konna qed nitkellmu fuq l-istess dar waqt li qed niehdu l-kafe. Nghid li dakinhar, jiena kont id-dar peress li kont bis-'sick leave' u hu qalli li jekk se nibqa' nsemmiha "b'din nonxrok", u hareg l-arma tax-xoghol tieghu. Jiena bdejt nibki u hu qalli li jekk nitlaq mid-dar ma jkolli jedd ghal xejn. Jiena qadt kwieta u hallejtu jitlaq ghax-xoghol u mort naghmel rapport id-depot. Staqsewni jekk ma ridtx li jitkecca mix-xoghol u jiena ghidtilhom li din mhux ir-raguni l-ghala ghamilt ir-rapport.*

*Sadanittant missieru kien gie d-dar taghna u quddiem il-genituri tieghu qaluli li ghandu jmur ghal triqtu. Wara dan jiena bdejt il-proceduri ghas-separazzjoni. Inhares lura nghid li missieru kien qisu jzomm mieghi ghax qisu kien jaf li Martin mhux tajjeb ghaz-zwieg. Kien hemm mument meta qbadtu li kellu dawn ir-relazzjonijiet ma' terzi li Martin qabad il-bagalja, ippakkja kollox u ried jitlaq mid-dar. Il-konvenut beda jghajjarni li jiena "tan-1900, mignuna" a wara dan kollu ma raqadx lejl shih id-dar. Fil-karozza tieghu kont*

*sibtlu hwejjeg, zarbun u xugamani. Dan kien jindika li meta kien telaq lejl shih kien telaq jorqod x'imkien iehor.*

*Darba minnhom, niftakar li kien l-ewwel ta' Gunju, xahar qabel ma sseparajna, kien ghamel 'change of duty' u lili qalli ser jahdem 'extra' l-Mid Med Bank tal-Mellieha. Imma lil-fatt ma kienx hemm ghax cemplulu mid-Depot peress li rieduh urgenti minhabba li kien hemm l-istrajk tad-'dustbins'. Minhabba f'hekk jiena kelli bil-fors incempel u mmur il-Mellieha, pero' hu ma kienx hemm. Cempilt l-Ghassa tal-Mosta u staqsejt ghalih imma hu ma kienx hemm lanqas. F'xi siegha gie d-dar kien bl-uniformi u mimli xemx. Jiena staqsejtu fejn kien imma hu dejjem sostna li kien xoghol. Meta staqsejtu beda jsabbat, jghajjat u qal li ma riedx imur xoghol aktar u li ma jimpurtahx.*

*Meta konnha qed nisseparaw kien jghidli li issa mmorru 'cruise', nixtri Pajero u dan allavolja kien jaf li ma nistghux naghmlu dawn l-ispejjez lussuzi. Jiena xorta wahda bqajt nghid le ghaliex hassejt dawn l-affarijiet m'humiex l-affarijiet li jfissru li ha jaghmluni kuntenta fiz-zwieg li xtaqt jien".*

Illi l-istess attrici pprezentat ukoll l-affidavits ta' **Ingrid Vella**, **Marika Zammit**, **Carmel Camilleri**, **Rita Camilleri** u ta' **Patrick Galea.**

Illi min-naha tieghu l-konvenut **Martin Wyson** ukoll permezz tal-procedura tal-affidavit xehed illi:-

*"Nghid illi jiena ltqajt ma' Marlene Galea fl-1992 l-ewwel darba f'taxi sejjer lura d-dar minn Paceville, jiena kelli (23) tlieta u ghoxrin sena u hija kellha (18) tmintax-il sena. Il-gimgha ta' wara ergajna ltqajna fuq karozza tal-linja Paceville. Minn din il-gurnata 'il quddiem ahna bdejna nohorgu flimkien u bqajna flimkien ghal sitt snin sakemm izzewwigna fil-31 ta' Mejju 1998. F'dawn is-sitt snin qabel iz-zwieg kellna diversi argumenti fuq diversi affarijiet principalment peress illi hija kienet iffissata illi jiena kont nigdeb u nahbi l-affarijiet. Ahna spiccajna diversi drabi*

*milli nohorgu flimkien ghal diversi ragunijiet pero' wara ftit granet spiccajna rrangajna u ergajna lura flimkien.*

*Niftakar ukoll illi hija kien ikollha diversi argumenti ma' ommha u missierha. F'okkazjoni wahda u cjoe' kien New Year's Day, hi giet imkeccija mid-dar tal-genituri ta' ommha u marret toqghod ma' ohtha. Minhabba li Marlene kienet ghaddejja minn dawn il-problemi kontinwi ddecidejna illi nizzewgu.*

*Niftakar illi tant kienet tiggieled mal-genituri taghha illi sa gimgha qabel iz-zwieg Marlene kellha glieda kbira ma' ommha u kienet qaltilha illi ma kenitx ser tigi t-tieg u li ma kenitx ser thalli lil Marlene tohrog ghat-tieg minghandha. Illum nirrealizza illi l-'pressure' illi kien hemm min-naha ta' Marlene sabiex nizzewgu kienet dejjem kostanti tul ir-relazzjoni kollha u principalment kien minhabba dan l-inkwiet u d-disgwid fil-familja taghha.*

*Meta zzewwigna ahna konna nahdmu sieghat twal hafna u ma tantx konna niltaqghu. Niftakar illi f'okkazjoni wahda mort hadt 'drink' gewwa bar u ltqajt ma' mara u spiccajt fis-sodda maghha. Bi traskuragni kbira hallejt l-indirizz ta' din il-persuna fil-'wallet' tieghi u Marlene sabitu. Minn dakinhar 'il quddiem l-argumenti u s-suspetti zdiedu u Marlene waqghet aktar gewwa 'depression'.*

*Niftakar illi darba fost l-ohrajn konna d-dar wara nofsinhar u rajt illi Marlene sejra fil-bitha b'tazza f'idejha u qaltli li kienet sejra tpejjep sigarett. Jiena kont qed nara t-'television' u ma tajtx kaz. Wara ftit dahlet minn barra u waddbitli flixkun tal-pilloli u cjoe' kalmanti li kien ordnalha l-psikjatra u qaltli "Ara dawn hadthom kollha"!*

*Jiena ma kontx naf x'naqbad naghmel u bdejt insaqsiha "x'ghamilt, x'ghamilt?" Hi poggiet bil-qeghda u bdiet ticcassa u ma tkellimnix.*

*Jiena ma kontx naf x'se naghmel u cempilt lil huha illi jahdem il-'fire brigade' tax-Xemxija u cjoe' vicin id-dar taghna. Dan gie d-dar u ddecidejna illi ncemplu lill-psikjatra taghha u qalilna sabiex nohduha l-isptar. L-*

*isptar naddfuha u tellghuha gewwa 'ward' pero' hija bdiet tirrifjuta illi toqghod l-isptar ghall-lejl.*

*Niftakar illi gie jaraha l-psikjatra u taha parir illi tibqa' l-isptar imma hija ma riditx. Peress illi Marlene bdiet tinsisti illi ma tridx toqghod hemm jiena kont hadt ir-responsabbilta' kollha u ffirmajtilha sabiex tohrog mill-isptar u tigi d-dar.*

*Wara dan l-episodju bdejna l-proceduri ta' separazzjoni u sseparajna fit-18 ta' Lulju 2000".*

**(ii) PRINCIPJI LEGALI.**

**(i) DIFETT SERJU TA' DISKREZZJONI TA' GUDIZZJU.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (d)** jittratta dwar difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. B'dan il-legislatur ma' riedx ifisser sempliciment kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew l-ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku kien rikjest maturita' shiha u perfetta, ftit jew xejn ikunu validi z-zwigijiet li jigu ccelebrati.

Illi n-nuqqas tad-*discretio iudicii* huwa kuncett guridiku, intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra li taghti kunsens liberu u xjenti ghall-komunjoni tal-hajja li ser titwieled biz-zwieg. (vide **"Angela Spiteri nee Selvaggi vs Joseph Spiteri"** P.A. 4 ta Novembru 1994).

Illi l-Qorti f'dik is-sentenza li *ormai* saret pacifika fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, irriferiet ghall-guristi u gurisprudenza Kanonika rigward dan il-kap ta' nullita' fis-sens li :-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus … richiede una capacita' intellettuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, riechiede quindi, una integrita' di mente e di liberta', dato che si tratta di assumersi una*

*"servitus" per tutta la vita". (***Calgiovanni** *–* **Forum 1990***, Vol I pt. 1 pg.72).*

Illi pero' kif inghad, b'immaturita' jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u gurisprudenza:-

*"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita', non esigono nei nubenti una conocienza perfetta ed esaustiva di cio che comporta il matrimonio, non richediedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo – affettivo, ne' infine, una conoscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l'uso del termine 'dicrezione di giudizio" che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena"* (***Pompedda M.F***. **"Il Consenso Matrimoniale" "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova,1984 p 46).

Illi l-Qorti fis-sentenza fuq citata addottat id-definizzjoni ta' ***Bersini*** fis-sens li d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdependenti u cjoe`:-

- *La piena avvertenza*

- *Il deliberato consenso.*

*"La piena avvertenza" si riferisce alla sfera intellettiva, "il deliberato consenso " a quella volitiva." ……*

*"La discrezione di giudizio comprende la maturita di gudizio e la maturita' affettiva ……… la maturita' di gudizio comporta una consoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro".*

*"La maturita affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita, che se sono turbati o*

*inadeguati, intaccano direttamente la volonta e' possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero (immaturita affettiva) e ponderato (immaturita di gudizio)". (***Bersini F.** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale".** Torino. 1994 p. 97).

Illi skond l-istess awtur, il-grad ta' maturita' mitlub *"e' la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano".*

Illi fil-kliem ta' awtur iehor, ***Viladrich*** *"the discretion of judgment refers to the degree of maturity of comprehension and of the will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through the juridical bond, in unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring". (***Viladrich , P.J.** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated "** (Monteal, (1993) pg. 686.)

Illi l-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** adottat id-definizzjoni tal-gurista kanoniku ***Davino*** u osservat is-segwenti:-

*"It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking if any one of the following three conditions or hypotheses is verified:*

*When sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; When the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection apt for the nuptial; Or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, the capacity to deliberate with sufficient weighing other motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."* (Kwotazzjoni mehuda mid-decizjoni tat-Tribunal

Ekklessjastiku ta’ Malta tal-11 ta Mejju 1990 **Coram Bajada. Forum 2 (1991)** pp 173-174).

Illi tajjeb ukoll li jigi osservat li anke fil-Ligi Kanonika jinghad li:-

*“Modern jurisprudence is not satisfied with the level of judgment which merely allows a person to recognise the rights and duties of permanence, fidelity and possible parenthood. The person must be able affectively to appreciate that what is implied in a life-long communion of life and love for marriage is for the good of married persons. Whilst the law restricts the right to marry to persons above a certain age, experience shows that many people, though having reached the canonical age, have insufficient appreciation of the issues involved and do not apprehend the meaning of that they propose to undertake* ***(Bruno,*** 30 ta’ Mejju 1986 **“Monitor Ecclesiasticus LXII”** (1987) 542/543).”

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255** ma jaghtix definizzjoni ta’ x’inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif sostniet il-Qorti f’din is-sentenza fuq riferita, dawn huma dawk l-elementi *“li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga, u cjoe’, dik tal-unjoni permanenti, esklussiva, irrevokabbli, diretta ghall-komunjoni tal-hajja u prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied”.*

Illi ghalhekk li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju. **“Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar”** (P.A. (RCP) 21 ta’ Ottubru 1999 – Citaz. Nru.1564/97RCP) u **“Kevin Spiteri v Dr. Renzo Porsella-Flores”** (P.A. (RCP) 18 ta’ Jannar 2000- Citaz. Nru.2443/97RCP).

**(ii) Qerq.**

Illi l-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga"*. Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula sive Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

*"kieku dak il-paragrafu **19 (1) (c)** gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art. 981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il-proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg".*

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality must be objectively grave and establishes the partneship of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial".* (***Viladrich P.J.*** **Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot. -** Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur, Montreal).

Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra **("Fattah xebba Perry vs Dr.A. Mifsud et"** (P.A. 22 ta Novembru 1982). Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

**<u>(iii) APPLIKAZZJONI TAL-LIGI GHALL-FATTISPECIE TAL-KAZ.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet kellhom difett serju ta' deskrizzjoni dwar il-hajja mizzewga tant li jidher li l-partijiet izzewgu peress li l-attrici kellha xi nkwiet id-dar u allura ddecidew li jizzewgu u dan apparti dak li ser jinghad dwar il-konvenut aktar 'il quddiem f'din is-sentenza. Jidher li fuq kollox dan l-attrici ghamlitu minghajr m'apprezzat il-fatt li bejn l-istess partijiet ftit kien hemm komunikazzjoni, anke minhabba l-imgieba tal-konvenut li kien jixrob sew u mhux l-ewwel darba li gie rikoverat l-isptar. Min-naha tal-konvenut dan huwa kategoriku li huwa zzewweg lill-attrici minhabba dan l-inkwiet li hija kellha d-dar, u certament dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi definitivament li in verita' z-zwieg bejn il-kontendenti kien vizzjat b'vizzju ta' kunsens minhabba difett ta' deskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga.

Illi jinghad ukoll li l-istess konvenut qabel iz-zwieg qarraq diversi drabi bl-attrici *stante* li mill-provi prodotti mill-istess attrici jidher li huwa kellu sa mill-eghrusija taghhom diversi relazzjoni ntimi ma' nisa ohra li dejjem zammhom misteru mill-istess attrici u jidher li l-istess attitudini baqghet ghaddejja tul iz-zwieg tieghu, u kollox hareg fl-apert meta l-istess attrici qabdet lill-konvenut f'wahda minn dawn l-intricci tieghu, ghalkemm il-konsegwenza fuq l-attrici kienet wahda sostanzjali tant li kellha tiehu kura psikjatrika.

Illi l-attitudini tal-konvenut, jidher anke waqt il-kawza, kienet li apparti li kellu relazzjoni kazwali ma' mara li biha ndunat l-attrici, l-ohrajn kienu suspetti kollha tal-istess attrici u dan anke kawza tal-istat dipressiv taghha, izda fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-provi prodotti juri mod iehor u dan senjatament mix-xhieda prodotti fosthom ta' Ingrid Vella li spjegat kif l-konvenut, ghalkemm kien jaf li hija habiba tal-attrici stedinha sabiex ikollha x'taqsam mieghu.  Kaz iehor hu ta' Marika Zammit li spjegat kif l-istess konvenut f'okkazjoni minnhom qabel it-tieg kien xorob u kien ifflertja mat-tfaljiet li kien hemm fuq l-arjuplan, u wkoll ta' Rita Camilleri li rrakkontat li l-konvenut kien ikun kemm-il darba fis-sakra u wkoll kien ikollu relazzjonijiet ma' nisa bil-mohbi tal-attrici. Issir riferenza wkoll ghall-affidavits ta' Patrick Galea u Carmel Camilleri.

Illi minn dan kollu jidher li l-konvenut qabel iz-zwieg heba din il-kwalita' tieghu ta' promiskwita' mill-attrici u fil-fatt jista' jinghad li r-relazzjoni tieghu maghha kienet mibnija fuq il-gideb, *stante* li jidher car li tul il-permanenza tieghu fiz-zwieg l-istess konvenut kien impossibbli ghalih li jikkontrolla l-agir tieghu u mill-provi prodotti jidher car li l-konvenut kien spiss jfittex li jkollu relazzjoni ma' nisa ohra li huwa jkun attirat lejhom, u dan kemm fiz-zmien meta huwa kien johrog biss mal-attrici u wkoll fiz-zmien meta kien mizzewweg lill-attrici, u ghall-fini ta' dan il-kapitolu jidher li l-konvenut qabel iz-zwieg pprova jahbi dan id-difett li kellu mill-attrici, b'dan li b'hekk qarraq bl-attrici, ghaliex jidher car, u huwa naturali li jkun hekk, li kieku l-attrici kienet taf bl-intricci tal-konvenut certament li ma kenitx tasal biex taghti l-kunsens taghha ghaz-zwieg.

Illi anke abbazi tal-provi prodotti jidher li l-konvenut qatt ma kellu l-intenzjoni li jkun leali lejn l-attrici u fil-fatt ir-relazzjoni tieghu ma' terzi persuni kienu konstanti u dan juri li l-istess konvenut eskluda *a priori* l-element essenzjali taz-zwieg ta' fedelta' fiz-zwieg tieghu mal-attrici, u ghalhekk dan iz-zwieg, apparti s-sub'artikoli citati mill-attrici, ghandu jigi ddikjarat null u bla effett anke skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.** Infatti mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut qatt ma kellu l-icken intenzjoni li jkun leali lejn martu, u fil-fatt qatt ma kien.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (c) (d) (f) tal-Kap 255.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

(1) Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet tal-31 ta' Mejju 1998 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti

kollha tal-ligi u senjatament *ai termini* tal- **artikolu 19 (1) (c) (d) (f) tal-Kap 255.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------